**Deċiżjoni mogħtija minn Mr Speaker fis-Seduta 57 tat-2 ta' Ottubru 2013 dwar *Walkout*/Permess tal-Kamra**

**MR SPEAKER:** Jien napprezza ħafna dak li qed tiġbed l-attenzjoni l-Kamra u nifhem il-mod prattiku li qed tipprova twassal lill-Kamra. Meta l-Onor. Michael Frendo, li allura kien Speaker dakinhar fl-2010 kien sar il-*walkout* mill-Oppożizzjoni ma kienx ta *ruling*, tniżżel fil-Minuti u ġew konfermati miż-żewġ naħat tal-Kamra. Jien nifhem mil-lat prattiku anke għal dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka, jien qed ngħid dan kollu biex wieħed jista' jirraġuna x'tip ta' referenza għal każijiet nistgħu nisperaw aħjar. Jien naħseb li ovvjament inti taf daqsi li meta jkollok walk out tista' tkun xi ħaġa spontanja personali, jista' jitlaq xi ħadd min-naħa tal-Gvern, jew grupp min-naħa tal-Oppożizzjoni jew grupp min-naħa tal-Gvern. Dik hija xi ħaġa li ma jeskludix li l-individwu telaq u jerġa' jidħol. Il-fatt li ma saritx dikjarazzjoni l-Minuti ma jiġux reġistrati. Jien se nkun prattiku jekk illum min-naħa tiegħek tidher li qed tagħmel dikjarazzjoni li sar walk out lbieraħ. Inizzluha fil-Minuti u nimxu hekk u poġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra d-dikjarazzjoni. L-Onor. David Agius.

...

**MR SPEAKER:** Nixtieq nagħmel referenza għal dak li għadu kif semma l-Onor. David Agius dwar dak li huwa indikat fil-permess tal-Kamra, fil-paġna 4, fejn l-Onor. Carmelo Abela talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq l-Ewwel Qari. Għalkemm imniżżla "permess" u l-Onor. Abela reġa' qal il-kelma "permess" skont Ordni Permanenti 194 kull Ordni Permanenti tal-Kamra li jista' jiġi sospiż jew inkella mozzjoni magħmula mingħajr avviż kemm-il darba ma jkun hemm ebda oġġezzjoni minn xi membru preżenti. Mela meta kien hemm dan l-istanza, u allura qed nitkellmu fuq din l-istanza l-membri preżenti li kienu, huma min huma, jien nitlob – jekk tara t-traskrizzjoni tiegħi bħala Speaker, ma tlabtx permess jekk hawn oġġezzjoni – ... Jien kont konformi ma' dak li jgħid l-Ordni Permanenti 194.